MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
DOREEN CLARKE**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2011

Numru. 366/2010

**Il-Pulizija
(Spettur Priscilla Caruana)**

**vs**

**Mark Cutajar**

**Kumpilazzjoni Nru: 366/2010**

**Illum, 5 ta' Dicembru, 2011**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mark Cutajar, ta' 38 sena, bin Benjamin u Pauline nee` Ellul, imwieled Zurrieq nhar is-6 ta` Awissu, 1971, residenti Zell Am See, Triq Axtart, Marsaxlokk, detentur tal-karta ta` l-identita` numru 353171M.

Gie akkuzat talli fit-2 ta` Jannar 2010 ghal habta tal-10:45am fi Triq l-Arznell, Marsaxlokk:

1. B`nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b`nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b`nuqqas ta` tharis ta` regolamenti, ikkaguna offizi ta` natura gravi fuq Victoria Carabott li giet iccertifikata minn Dr. Agnes Cachia reg 2863 mill-isptar Mater Dei;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b`nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b`nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b`nuqqas ta` tharis ta` regolamenti, ikkaguna offizi ta` natura hafifa fuq Carmela Grech li giet iccertifikata minn Dr. C. Refalo reg 3235 mill-isptar Mater Dei;

3. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b`nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b`nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b`nuqqas ta` tharis ta` regolamenti ikkaguna hsara fuq il-vettura bin-numru ta` registrazzjoni KAH 732 Isuzu KB ghad-detriment ta` Salvatore Desira;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas li jnaqqas l-speed u jieqaf waqt li kien qed jersaq lejn stop-sign;

5. U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq il-vettura bin-numru ta` registrazzjoni VKI 898 b`manjiera bla kont, traskurata u perikoluza;

F`kaz ta` htija, il-prosekuzzjoni titlob li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub f’l-artikoli:
(a) 225(1), 226 u 218(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
(b) 225(1), 226 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
(c) 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u

(d) ir-regolament 2 ta’l-Avviz Legali 94 tas-sena 1969.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processswali.

Ikkkunsidrat

Illi l-fatti tal-kaz huma relattivament semplici u fil-verita ma tantx hemm kontestazzjoni dwarhom.

Illi l-imputat kien qed isuq fi Triq il-Luzzu f’Marsaxlokk; f’l-inkrocju ma’ Triq l-Arznell hekk kif huwa hareg minn Triq il-Luzzu habat mal-vettura, ossia van, misjuqa minn certu Stephen Desira. B’l-impatt l-vettura misjuqa minn Desira daret 90 grad u waqt li kienet qed iddur laqtet l-arblu li hemm fil-kantuniera u zewg nisa li kien hemm bil-wieqfa hdejn l-arblu. Bhala rizultat ta’ dan it-tieni impatt iz-zewg nisa (Victoria Carabott u Carmela Grech) li kien hemm waqaw ma’l-art u t-tnejn li huma soffrew griehi.

Illi kemm Carmela Grech u Victoria Carabott ma jafux ezattament kif sehh l-impatt stante li huma ma kenux qed iharsu lejn it-triq. Carmela Grech tghid li semghat daqqa u immedjatament wara rat il-van gej ghal fuqhom, fil-waqt li Victoria Carabott tghid li rat il-van gej minn wara hasset daqqa u waqat fuq il-habiba taghha.

Illi Stephen Desira s-sewwieq tal-van xehed ukoll. Huwa jirrakkonta li kien qieghed isuq fi Triq l-Arznell u meta qabez salib t-toroq (ma Triq il-Luzzu) hass daqqa u l-van dar.

Illi l-imputat xehed ukoll. Huwa jghid li kien gheddej fi Triq il-Luzzul u meta gie f’l-inkorcju waqqaf fuq l-ewwel *stop*

*sign*[1] minn fejn ma setax jara ghal go Triq l-Arznell. Ghalhekk mexa ftit ‘l barra sa kemm gie mat-tieni *stop sign* pero hemm xorta ma setghax jara ghaliex kien hemm vetturi ipparkjati. L-imputat ikompli jghid li huwa kompla hireg ftit ‘l barra meta f’daqqa wahda gie dan il-van u habtu ma xulxin. L-imputat jghid ukoll li meta sema’ t-twerzieq[2] saqajh bdiet tirtod u l-karrozza baqat niezla ftit ‘l isfel sa kemm waqqafha.

Illi minbarra dawn il-persuni li kienu direttament involuti f’l-incident xehedu wkoll diversi tobba dwar il-griehi sofferti minn Carabott u Grech u taw id-depozizzjoni taghhom il-pulizija li investigaw il-kaz. Fost id-dokumenti esebieti mill-pulizija hemm l-iskizz tal-post fejn sehh l-incident u sensiela ta’ ritratti li juru mhux biss il-post imma anke l-vetturi u d-danni kkawzati fihom. Ezami ta’ dawn id-dokumenti jindika diversi fatti u jista’ jitfa dawl fuq dik li verament kienet id-dinamika ta’ l-incident.

Illi mir-ritratti esebieti minn PC6 Duncan Demicoli[3] jidher car li hsara fil-van ta’ Stephen Desira hemm f’zewg postijiet: fin-nofs man-naha tax-xellug, li giet kkawzata bhala rizultat ta’l-impatt mal-vettura ta’l-imputat; u fuq il-parti ta’ wara tal-genb tan-naha tal-lemin, li giet kawzata bhala rizultat ta’l-impatt ma’l-arblu. Dwar l-vettura ta’l-imputat, ghalkemm huwa jghid li l-*point of impact* kien fuq in-naha tal-lemin ta’ quddiem, fil-verita il-hsara fil-*bumper* qeghda fil-parti tan-nofs tieghu u anke fil-*bonnett* il-hsara qeghda fin-nofs. F’dan ir-rigward wiehed ma jistax ma jinnotax li l-*mudguard* u l-fanal tan-naha tal-lemin m’ghandhomx hsara.

Illi tenut kont tal-fatt tal-hsara kkawzata fiz-zewg vetturi u tenut kont tal-fatt li skond l-imputat wara l-impatt il-vettura tieghu ccaqalqet ftit 'l isfel fit-triq, u allura fil-mument ta’l-

---

[1] Ghandu jigi rilevat li fi zmien ta’ l-incident in ezami f’l-inkrocju imsemmi fi Triq il-Luzzu kien hemm zewg *stop signs* impingija ma’l-art; wiehed qieghed ftit ‘l gewwa u hdejh hemm ukoll arblu bit-tabella *stop,* u l-iehor ftit ktar ‘l barra ezattament ma’ Triq l-Arznell. Ghalkemm is-senjaletika li hemm impingija ma’l-art hija kollha cara hafna jidher li l-linja bajda kontinwa kienet mat-tieni *stop sign*.
[2] Twerzieq li kien gej minn Carmela Grech ghaliex fid-depozizzjoni taghha qalet li hija bdiet twerzaq hafna.
[3] Esebiti bhala parti minn Dok DD1 u huma a fol 54 tal-process.

impatt kienet aktar ‘l fuq minn fejn tidher f’l-iskizz u fir-ritratti, huwa car li kien l-imputat li laqghat il-vettura ta’ Desira meta dan kien diga qabez nofs l-inkrocju. Il-fatt li l-imputat, meta suppost kien qieghed “inching out” minn fuq stop sign ma rax van, li kien qieghed immedjatament quddiem il-vettura tieghu, huwa sinjal car li huwa ma zammx dik il-*proper look out* rikjesta minn kull sewwieq u li kienet din it-traskuragni li wasslet ghall-incident in ezami bil-konsegwenzi kollha tieghu.

Ikkunsidrat

Illi ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizju ta’l-Avukat Generali l-imputazzjonijiet migjuba kontra  l-imputat huma: griehi gravi involontarji a dannu ta’ Victoria Carabott; griehi hfif involontarji a dannu ta’ Carmela Grech; hsara involontarja a dannu ta’ Stephen Desira; u li naqas ki jieqaf fuq *stop sign*.

Illi ghandu jigi rilevat li ai termini tac-citazzjoni kien hemm imputazzjoni ohra migjuba kontra l-imputat cioe dik ta’ sewqan bla kont, traskurat u perikoluz ai termini ta’l-artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta. Din l-imputazzjoni pero ma tirrizultax inkluza fin-nota tar-rinviju ghal-gudizzju ta’l-Avukat Generali ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi, kif diga ntqal aktar ‘l fuq, mill-provi akkwiziti jirrizulta li dan l-incident sehh minhabba imperizja da parti ta’l-imputat. Jirrizulta sodisfacjentement pruvat ukoll li Carmela Grech soffiret griehi ta’ natura hafifa. Dwar il-griehi li soffriet Victoria Carabott ghandu jigi rilevat li m’hemm l-ebda dubbju li dawn kienu ta’ natura gravi; il-kwistjoni li trid tigi rizolta pero hija jekk dawn il-griehi jaqawx taht definizzjoni ta’l-artikolu 218(1)(a) kwotat mill-Avukat Generali.

Illi huwa pacifiku ukoll li biex offiza tigi klassifikata bhal gravissima ma jridx jigi pruvat biss li l-hsara kagunata tista’ ggib perikolu ta’ debulizzi fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem permanenti, imma jrid jigi pruvat li huwa

probabbli li dik il-debulizzi tkun permanenti[4]. Fil-fatt fis-subartikolu 2 ta'l-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 huwa predispost li

*Id-debulizza fis-sahha jew fil-funzjoni ta' parti tal-gisem ….. jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx huma hekk.*

Illi tul dawn il-proceduri tressqu diversi tobba biex jixhdu dwar il-kundizzjoni ta' Victoria Carabott. Il-Professur Anthony Bernard, b'mod partikolari, wara li ddeskriva il-kundizzjoni ta' Carabott u x'danni soffriet f'termini medici, qal ukoll li hija ghandha "*weakness profond fis-sieq tax-xellug, kellha damage fin-nervituri ukoll fil-moviment… … …ghada mhux qed timxi sew, ghad ghandha weakness, ghad ghandha bzonn ta' aktar terapija …*"[5]. Fil-fehma tal-Qorti din hija prova sufficjenti li huwa probabbli li d-debulizzi fis-sahha u fil-funzjoni ta' saqajn Victoria Carabott x'aktarx hija permanenti u konsegwentement l-griehi li hija soffriet jaqaw taht definizzjoni ta'l-artikolu 218(1)(a).

Illi ghalhekk l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma sodisfacjentement pruvati.

Illi mill-provi akkwiziti f'dan il-process jirrizulta ukoll li bhala rizultat tad-daqqa li qalet il-vettura misjuqa minn Stephen Desira, din garrbet hsarat maz-zewg nahat taghha kif spjegat aktar 'l fuq. Konsegwentement it-tielet imputazzjoni hija sodisfacjentement pruvata ukoll.

Illi dwar ir-raba imputazzjoni l-imputat eccepixxa l-preskrizzjoni.

Illi jirizulta li l-incident sehh nhar it-2 ta' Jannar 2010 u li l-imputat gie notifikat b'dawn il-proceduri fid-29 ta' April 2010. Ai termini ta'l-artikolu 688(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-azzjoni kriminali taqa' b'l-eghluq ta' tlett xhur ghall-kontravvenzjonijiet. M'hemmx dubbju li r-reat kontemplat fir-raba imputazzjoni migjuba kontra l-imputat

[4] Ref Pulizija vs Joseph Zahra Appell Kriminali 10.05.2003
[5] Ref depozizzjoni a fol 82/83.

huwa kontravvenzjoni ghalhekk preskrivibbli bid-dekors tat-tlett xhur. In vista tal-fatt li l-imputat gie notifikat fid-29 ta’ April 2010 din ir-raba imputazzjoni hija preskritta.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konisderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt lil tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames imputazzjoni indikata fiic-citazzjoni, u fil-waqt li tiddikjara r-raba imputazzjoni preskritta, wara li rat l-artikoli 225(1), 226, 218(1)(a), 221 u 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u taghhom tikkundannah multa ta’ elfejn Euro.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------